MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1121/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited,**
**bhala rappresentanti tas-socjeta' estera**
**AXA Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet**
**tal-assikurat taghha Alexander Abela**
**u l-istess Alexander Abela**

**Vs**

**Gaetan Brincat**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm430.66 (erba' mija u tletin lira Maltin u sitta u sittin centezmu) rappresentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn l-vettura AJA166 propjeta' tal-attur Alexander Abela u l-vettura tal-konvenut IAA 481 ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta fejn l-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-accident Report fejn il-konvenut qal li meta kien diehel f'Howard Street, kellhu jirriversja minhabba li l-vettura kienet kbira u minhabba l-fatt li kien hemm vettura ohra pparkjata f'kantuniera u ghalhekk ma setax idur. Il-konvenut qal ukoll li hu u jirriversja il-'gear' wehel u l-vettura ma setghatx tieqaf u dahal fl-attur.

Fl-istess accident report l-attur qal li hu kien ipparkjat u l-konvenut dahal go fih. L-attur ma kienx hemm meta saret il-habta izda gie nfurmat u nizel jara.

Ra n-nota tal-konvenut fejn ipprezenta affidavit ta' John Pace.

Ra s-seduta datata 14 ta' Jannar 2002 li fiha xehed Sgt. PS 909 fejn ikkonferma li hu nvestiga l-incident in kwistjoni. PS909 qal l-konvenut kien qallu li wehel il- gear u baqa diehel fil-vettura pparkjata, ma qallux li gieli gratlu drabi ohra din il-hsara.

Ra l-istess seduta li fiha xehed Brian Valencia ghas-socjeta' attrici fejn esebixxa dokumenti in konnessjoni mal-hlasijiet. Xehed ukoll Alexander Abela fejn ikkonferma l-istess haga li qal fl-accident report.

Ra s-seduta datata 31 ta' Ottubru 2002 li fiha xehed Christopher Borg Cardona, prodott mis-socjeta' kjamata fil-kawza fejn ikkonferma li hu jiehu l-overall care tat-trucks. Huwa ma jiftakarx li l-konvenut kien qatt ilmenta dwar clutch izda qabel l-incident jikkonferma li l-partner tal-konvenut kien ilmenta dwar xi difett fil-clutch u huma hadu azzjoni mal-ewwel u bidluh. Christopher Borg Cardona qal ukoll li waqt li l-mechanic jkun qed jahdem dejjem kien imur jispezjona u huwa cert li biddel is-sistema tal-clutch.

Ra l-istess seduta fejn xehed Emanuel Mizzi, prodott mis-socjeta' kjamata in kawza, fejn qal li ilu jahdem erba' snin mas-socjeta' kjamata fil-kawza bhala driver. Jikkonferma li dam isuq it-truck in kwistjoni xi sentejn u qatt ma ilmenta b'xi problema b'dan it-truck.

Illi xehed ukoll Gaetano Brincat fejn qal li dakinhar tal-incident mill-ewwel induna li l-clutch kien difettuz. Qal ukoll li dakinhar kienet l-ewwel darba li uza t-truck in kwistjoni u ma jiftakarx kemm kien ilu jahdem ma' SBC qabel ma gara l-incident. Il-konvenut ikkorega ruhu u qal li hareg bit-truck in kwistjoni tlett darbiet qabel ma gara l-incident. Kull darba li hareg bit-trakk dejjem sab problema bil-gears. Il-konvenut qabel mal-iskizz. Dakinhar tal-incident kellu lil John Pace mieghu u meta kien qed jirriversja qallu biex jieqaf izda kellu problema fil-clutch u habat.

Illi l-kontro-ezami fl-istess seduta fejn l-konvenut qal li ma insistix biex ibiddel it-truck minhabba li jista jigi mkecci. L-konvenut qal li wara l-ewwel incident li kellu bit-truck in kwistjoni kienu biddlulu t-truck, imbaghad wara xahrejn regaw tawh it-truck in kwistjoni u kellu t-tieni incident. Huwa qal li l-istess truck tal-incident ma regax saq bih.

Ra x-xhieda ta' Victor Attard, prodott mis-socjeta' SBC Operators fejn jahdem bhala mechanic mas-socjeta' kjamata in kawza u jikkonferma li Chris Borg Cardona kien qallu li l-clutch kellu difett. Victor Attard saq it-truck in kwistjoni lura u l-quddiem u jikkonferma li mexa normali, izda biex ikun cert xorta biddel clutch. Hu jghid li haddiehor saq dan it-truck imma qatt ma ilmenta dwar xi hsara fil-clutch.

Illi l-konvenut Gaetan Brincat ma kienx konvincenti u kredibli fix-xhieda tieghu. Illi l-konvenut kellu tort fl-incident ghaliex jekk t-truck kien fih difett hu kellu d-dover biex ma jsuqx l-istess truck. F'kull kaz it-Tribunal mhux konvint li kien hemm difett fit-truck. Is-socjeta' kjamata ma kienitx responsabbli ghal incident u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, tiddikjara li l-konvenut kien unikament reponsabbli ghal incident in kwistjoni u tikkundanna lil konvenut ihallas Lm430.66 (erba' mija u tletin lira Maltin u sitta u sittin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba

--------------------------------TMIEM--------------------------------